**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Frar 2021**

Rikors Numru: 360/20 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 2130/2016)

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti iżżewġet lill-intimat fit-tmintax ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (18.07.2015) fil-Knisja ta' Sant' Agata, Rabat, Mal;ta skont ċertifikat anness markat Dok. A.

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma kien hemm ebda ulied.

3. Illi l-partijiet għandhom separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Alicia Agius tat-tmienja u għoxrin ta’ Ġunju elfejn u sittax (28/06/2016) annessa u mmarkata Dok. B.

4. Illi l-istess partijiet ilhom għal aktar minn dawn l-aħħar erba’ snin jgħixu ħajja kompletament separata minn xulxin u m’hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

5. Illi in oltre, l-partijeit ma għandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta’ manteniment.

6. Illi r-rikorrenti A B tixtieq tottjeni divorzju u li ż-żwieġ tal-partijiet jiġi maħlul.

7. Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex iż-żwieġ tagħhom jiġi xolt.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tordna li ż-żwieġ kuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat nhar it-tmintax ta’ Lulju elfejn u ħmistax (18/07/2015), jiġi maħlul;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien iffissat minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Ottubru, 2020;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat u semghet lill-intimat ighid li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Gunju, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.